**PARROCCA SANTA MARGARITA V.M. - SANNAT**
**Tel / fax** 21551435. **Email** : sannatparish@keyworld.net
**Mob:** 99852615. **Website**: www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 20.04.08: IL-ĦAMES ĦADD TA' L-GĦID.**
B'rabta ma' l-anniversarju tal-għażla tal-Papa, illum fil-knisja issir il-ĠABRA GĦALL-PAPA, biex ikun jista jgħin l-pajjiżi li jkunu milquta minn xi terremot, għargħar jew xi diżgrazzja oħra naturali. Jew inkella ġuħ fid-dinja.
**IT-TLIETA: Fis-7.30p.m.** laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
**IL-ĠIMGĦA, 25.04.08:** FESTA TA' SAN MARK EVANĠELISTA.
Hija ħaġa xierqa li llum nieħdu sehem fil quddiesa.
**Fil-4.30p.m. IRTIR GĦAT-TFAL TA' L-EWWEL TQARBINA.** Dan se jkun bi tħejjija għas-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina. Dan ikun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
Dawn it-Tfal huma mitluba li jkunu kollha preżenti.
**Fis-7.30p.m.** se jiġi organizzat High Tea mill-parroċċa. Dan se jkun fid-Dar Parrokkjali.
Il-Biljetti jinkisbu minn għand l-organizzaturi
**Fit-7.45p.m.** se ssir laqgħa għall-Old Boys tal-Museum. Din se tkun fil-kappella tal-Museum.
**IS-SIBT, 26.04.08:** Illum se ssir l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati. Dan ix-xahar se tkun parroċċa tax-Xagħra u tibda fis-6.30p.m. Ix-xarabank titlaq mill-pjazza tal-knisja fis-6.00p.m.

**IL-ĦADD, 27.04.08:** IS-SITT ĦADD TA' L-GĦID.

## LAQGĦA GĦAL DAWK LI SE JIEĦDU SEHEM FIX-XANDIR BIR-RADJU TAL-KOMUNITA'

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April se ssir laqgħa għal dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem fix-xandir bir-Radju tal-Komunita' *Radju Margerita.*
Din se tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali u tibda fil-**11.15a.m.** Dawk li se jkunu responsabbli minn xi Programmi jridu jkunu preżenti.
Isiru wkoll suġġerimenti għall-iskeda tal-programmi.

## Kummiedja fl-Oratorju

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April se tiġi mtella' kummiedja fl-Oratorju Don Bosco mill-Għaqda Drammatika ta' l-Oratorju. L-isem tal-Kummiedja huwa "Villa għall-Kwiet" Din se tkun għal kulħadd u tibda fis-7.30p.m. Il-Booking huwa miftuħ.

## GIMGĦA GĦAT-TFAL

Minn nhar it-Tnejn, 28 ta' April sa nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju se tiżamm fil-parroċċa tagħna l-Ġimgħa għat-Tfal li twassal sa Jum l-Ewwel Tqarbina. Il-Programm ta' din il-ġimgħa jidher fil-ħarġa li jmiss tal-Bullettin.



**AĦSEB FTIT...**

+ **1 Euro** huwa ftit wisq biex int tixtri xi ħaġa. ***Imma huwa ħafna biex titfgħu l-knisja.***

+ **Sagħtejn** ma' narahomx kbar biex nara film jew play . . ***Imma 35 minuta tal-quddiesa huma twal wisq.***